

21999D0187

L 74/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

15.3.2001

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 187/1999

tas-17 ta' Diċembru 1999

**li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni foqhma speċifiki barra l-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Protokoll 31 għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 11/94 tat-12 ta' Awissu 1994 <sup>(1)</sup>;
- (2) Skond l-Artikolu 3(2) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim, l-Istati ta' l-EFTA jipparteċipaw b'mod sħiħ fl-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 <sup>(2)</sup>;
- (3) R-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/1999 tad-29 ta' April 1999 li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1210/90 dwar l-istabbiliment ta' l-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent u n-network Ewropew għall-informazzjoni u l-osservazzjoni ta' l-ambjent <sup>(3)</sup>;
- (4) Huwa xieraq illi l-Protokoll 31 jiġi emendat sabiex jirrifletti l-bidliet għall-Aġenzija Ewropea ta' l-Ambjent u n-network Ewropew għall-informazzjoni u l-osservazzjoni ta' l-ambjent magħmula bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/1999,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Li ġej għandu jiġi miżjud fl-aħħar ta' l-Artikolu 3(2)(a) fil-Protokoll 31 għall-Ftehim:

“, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 933/1999 <sup>(2)</sup>.

<sup>(2)</sup> ĠU L 117, tal-5.5.1999, p. 1.”

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-18 ta' Diċembru 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 253, tad-29.9.1994, p. 34.

<sup>(2)</sup> ĠU L 120, tal-11.5.1990, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 117, tal-5.5.1999, p. 1.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 1999.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

N. v. LIECHTENSTEIN

---